**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. RACHEL MONTEBELLO LL.D.**

**Illum 13 ta' Awwissu, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**-Vs-**

**Marius Stefan**

**u *Omissis***

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Marius Stefan iben Georghe u Valeria xebba Vanea, imwieled nhar l-24 ta' Jannar 1979 gewwa r-Rumanija u minghajr residenza, detentur tal-karta tal-identita` Rumena numru RK 083901 – 1790124431526, kif ukoll OMISSIS, tressqu quddiemha akkuzati talli:

B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghula b'rizoluzzjoni wahda

1. Nhar l-5 ta' Lulju ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (07:00pm) ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn gewwa 'Valyou Supermarket' sitwat fi Triq il-Kbira fil-Mellieha liema valur ma jiskorrix is-somma ta' Euro 232.94;

2. U aktar talli nhar it-12 ta' Lulju 2019 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (07:00pm) ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn gewwa 'Valyou Supermarket' sitwat fi Triq il-Kbira fil-Mellieha liema valur ma jiskorrix is-somma ta' Euro 232.94;

3. Fix-xahar 19 ta' Lulju tal-2019, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li saru b'rizoluzzjoni wahda, minn 'Valyou Supermarket' sitwat fi Triq il-Kbira fil-Mellieha, ikkommettew serq ta' diversi oggetti u prodotti, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin.

Fil-konfront ta' Marius Stefan biss, bhala persuna li tkun tnehhiet minn Malta taht decizjoni ta' ritorn, jew decizjoni ta' ritorn u ordni ta' tnehhija jew taht ordni ta' deportazzjoni, jew ordni ta' tnehhija fil-kaz ta' cittadin tal-Unjoni jew membru tal-familja, dahal f'Malta minghajr il-permess mill-Ufficjal Principali tal-immigrazzjoni minn qabel biex ikun jista' jidhol f'Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkunsidra lil Marius Stefan bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ghall-fini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Ra illi waqt l-udjenza tat-13 ta’ Awwissu 2019, l-imputat irregistra ammissjoni u ddikjara li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih hlief ghar-raba’ akkuza;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lil-imputat dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ htija, wara illi ssospendiet is-seduta sabiex taghtih opportunita` jerga’ jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li fissritlu l-gravita` tal-akkuzi li jinsab mixli bihom u l-piena ergabbli ghal kull wahda.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Madanakollu, il-Qorti billi ma gietx ammessa minnu, mhijiex sejra ssib htija ghar-raba' imputazzjoni stante illi mid-dokumenti esebiti mid-difiza jirrizulta illi fil-21 ta' Awwissu 2018 l-imputat intavola appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni minn decizjoni ta' ritorn li nghatat fil-konfront tieghu, liema ordni ghadha ghalhekk ma gietx imwettqa, u maghdud dan, il-Prosekuzzjoni u difiza qablu espressament fl-udjenza tat-13 ta' Awwissu 2019 illi ma kienx hemm decizjoni ta' ritorn jew ordni ta' tnehhija mahruga precedentement fil-konfront tal-imputat.

Konsegwentement, billi din l-imputazzjoni hija evidentement imsejsa fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-Kap. 217, u billi wkoll il-Prosekuzzjoni baqghet ma ressqet ebda prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni li turi kif l-imputat kien persuna li dahal f'Malta minghajr il-permess mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni minn qabel biex ikun jista' jidhol f'Malta, il-Qorti, fin-nuqqas tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax tqis li din l-imputazzjoni giet ippruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sejra ssib lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Dwar l-addebitu tar-recidiva, ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni, jigi osservat illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi l-fedina penali tal-imputat biex ghall-fini tal-addebitu ta' recidiva taht tal-Artikolu 50 u 289 tal-Kapitolu 9, jintwera prima facie li huwa kien instab hati ta' delitt iehor ta' serq u illi r-rekwiziti tal-Artikolu 50 jinsabu sodisfatti. Ghalhekk, minkejja l-ammissjoni tal-imputat ghal dan l-addebitu l-Qorti m'hijiex sejra tikkunsidrah bhala recidiv fit-termini tal-Artikolu 50 u l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9, izda biss ghall-finijiet tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Ghall-bqija tal-imputazzjonijiet inkluz l-addebitu tar-recidiva, kif inghad, l-imputat ammetta l-htija tieghu u ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi. Ghalkemm huwa minnu illi l-imputat ammetta l-htija fi stadju pjuttost bikri tal-proceduri, jirrizulta li ftit li xejn ikko-opera mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni, oltre l-fatt illi l-addebiti dwar serq - li wahda minnhom hija ta' serq aggravat bil-valur u bil-hin - jirreferu ghal tliet serqiet differenti mill-istess stabbiliment. Izda l-Qorti kkunsidrat ukoll illi, kif gie sottomess waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, hemm qbil illi l-oggetti misruqa kollha nghataw lura lill-parti offiza hlief ghal oggetti b'valur komplessiv ta' €85.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi filwaqt illi ma ssibux hati tar-raba' imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 49, 261(c) u (f), 267,**

**270, 279(a) u 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda ssib lil MARIUS STEFAN, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah prigunerija ghal zmien tmintax (18)-il xahar izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas sa mhux iktar tard minn sitt (6) xhur mil-lum, is-somma ta' hamsa u tmenin Euro lin-negozju bl-isem "Valyou Supermarket".**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem ir-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28B jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, kif ukoll ir-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28H(8) jekk hu jonqos milli jikkonforma ruhu mal-ordni tal-hlas moghtija a tenur tal-Artikolu 28H.**

**Dr. Rachel Montebello**

**MAGISTRAT**